**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Keith Caruana**

Numru 68/2015

Illum 26 ta' Settembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Keith Caruana**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Paul u Maria Concetta neé Cassar, imwieled Pietà fit-18 ta' Marzu 1992 u residenti Dar Al-Marah, Triq Sebastjan Saliba, Ghaxaq, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 165492(M)

akkuzat talli fid-9 ta' Gunju 2013 ghal-habta tat-03:00am fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt tal-passiggier Abraham Celik ta' tmintax il-sena minn Birkirkara kif ukoll ikkaguna griehi involontarji ta' natura gravi fuq Gabriella Bartolo u dan meta kien qed isuq u/jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KTH 392 tal-marka Volkswagen Polo;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara involontarja lill-proprjeta' pubblika;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru KTH 392 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkosanzi saq taht l-influwenza tax-xorb;

5. saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 b'velocita' eccessiva.

Il-Prosekuzzjoni talbet li, f'kaz ta' htija, l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal[1] bin-Numru 44/2015 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Aaron M. Bugeja li jirrigwarda incident stradali fejn tilef hajtu Abraham Celik ta' tmintax (18)-il sena gewwa Triq il-Wied ta' l-Msida, Birkirkara fid-9 ta' Gunju 2013 fejn ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kriminali kontra l-imputat fir-rigward ta' numru ta' imputazzjonijiet li jirrizultaw fil-Process Verbal.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol. 97 et seq.*).

[1] *Envelope loose.*

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 108), lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 151) datata 6 ta' Mejju 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 15(1)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligiijet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 15A, 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 15(2), 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 152), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-6 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 151), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017, lill-imputat jixhed min jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 187 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 231 *et seq.*),

f'liema seduta l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qed taderixxi ma' dak sottomess mill-*parte civile* (*a fol.* 230).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Priscilla Caruana** (*a fol.* 9 *et seq.*) fejn spjegat li fid-9 ta' Gunju 2013 kienet stazzjonata fl-Ghassa tal-Pulizija f'Birkirkara u li gew infurmati li ghall-habta tat-3.00am kien sehh incident stradali gewwa Triq il-Wied fejn kien hemm xi nies maqbuda gewwa vettura. Tghid li PS 1157, PC 1027, u PC 850 marru fuq il-post u tiddeskrivi x'sabu. Tghid li fuq il-post marru wkoll Dr. Michael Spiteri u Dr. Jonathan Joslin. Tixhed li l-persuna li kien hemm fuq wara tal-vettura kienet minghajr hajja. Tghid li t-triq inghalqet ghat-traffiku u li hi marret fuq il-post. Tixhed li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi li fetah Inkjesta u hatar diversi esperti sabiex jassistuh fl-Inkjesta. Tghid li rrizulta li vettura bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 kienet misjuqa mill-imputat li sofra griehi gravi. Tispjega li l-passiggiera Gabriella Bartolo kienet qed issofri minn griehi gravi. Tghid li sar *breathalyser test* fuq l-imputat. Ezebiet stqarrija rilaxxata mill-imputat li giet immarkata bhala Dok. "KC" (*a fol.* 12 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PS 1157 Bertly Aquilina** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn ipprezenta bhala Dok. "BA" (*a fol.* 19 *et seq.*) ir-rapport rigward l-incident stradali li sehh fid-9 ta' Gunju 2013 ghall-habta tat-3.00am. Jghid li hu mar fuq il-post tal-incident fejn sab vettura bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 mahbuta. Jghid: *"Kien jidher li kien hemm sigra milquta u l-karozza fin-nofs, il-karozza kienet wieqfa stazzjonarja fin-nofs u kien hemm brix fuq is-sigra u din il-vettura kellha hafna damages fuqha"* (*a fol.* 15). Jghid li gol-vettura nstab li kien hemm l-imputat bhala xufier u fuq in-naha tal-passiggier kienet hemm certu Gabriella Bartolo li sabha fuq il-bankina. Jghid li fuq wara kien hemm certu Abraham Celik li ma

kienx qed jirrispondi u li rrizulta li kien tilef hajtu. Jghid li aktar tard sar maghruf li Celik kien fuq wara fuq in-naha tal-lemin, wara x-xufier. Jghid li seta' jara xi griehi fuq Gabriella Bartolo. Jghid li biex jinhareg ix-xufier kellhom imorru tal-Protezzjoni Civili u li l-hsarat fuq il-vettura kienu principalment fuq in-naha tal-lemin tal-vettura, fin-naha tax-xufier.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 154 *et seq.*), jghid li kien minn tal-ewwel li mar fuq il-post tal-incident tant li l-ambulanza waslet fl-istess hin. Jikkonferma li meta wasal fuq il-post tkellem mal-imputat u mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-imputat kien f'sensieh, jghid li l-imputat kien qed jitkellem normali. Jghid li l-imputat kien iffukat u ma laqlaqx. Mistoqsi jghid jekk dehrlux li l-imputat kien taht l-influwenza tax-xorb, wiegeb: *"Fl-ebda hin, imma xorta sarlu l-breathalyser test"* (*a fol.* 154).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Gabriella Bartolo** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn spjegat li l-incident stradali sehh fid-9 ta' Gunju 2013 f'Valley Road, Birkirkara bejn is-2.00am u t-3.00am. Tghid li telqu minn Paceville u kienu hamsa min nies bix-xufier ikun Keith, hi bil-qieghda magenbu, u wara kien hemm Francesca Muscat, Shakira Scerri u Abraham Celik. Tghid li mhijiex certa jekk il-vettura kinitx Wolkswagen. Mistoqsija tghid kemm kienu ilhom Paceville tghid li l-imputat ghadda ghaliha fl-10.15pm u tikkalkula li damu Paceville mill-11.00pm sas-2.00am. Tghid li hija ssuq u li l-ewwel waqfu tas-Sliema sabiex iwasslu lil Shakira. Tixhed li meta waslu vicin tas-Sliema l-imputat beda jsuq *"excessively"* (*a fol.* 28). Taghti ezempju tas-sewqan tal-imputat u tghid li biex wassal lil Shakira, flok l-imputat dar ir-*roundabout* kif suppost, darha bil-kontra. Tghid: *"Ghax hu kellu jdur mar-roundabout jitla' l-fuq, issa flok ma dar mar-roundabout dar bil-kontra u tela' l-fuq"* (*a fol.* 29). Tghid li minn hemm marru Ta' Xbiex fejn wasslu lil Francesca Muscat. Tghid li minn hemm l-imputat nizel minn Ta' Xbiex u baqghu ghaddejjin mal-*front* u tghid: *"f'dik it-triq beda jispidja aktar"* (*a fol.* 29). Tixhed: *"Abraham beda jghidlu: "Cool, cool", hu beda jispidja aktar, jien bdejt nibza' ghidtlu: "Keith, Keith qed nibza'", ipprova jisslowja, skidja u daqshekk"* (*a fol.* 29). Taf li kien hemm impatt ma' sigra pero' ma tiftakarx dan l-impatt. Tghid li tiftakar il-vettura tispinnja ghax

kienet ghadha mqajma. Tghid li l-ispinn giet qabel il-habta. Tghid li l-vettura kienet qed tinstaq f'Valley Road, Birkirkara fid-direzzjoni ta' Birkirkara pero' l-vettura daret u giet thares lejn il-Gzira. Tispjega li hi qamet, ghajjtet kemm lill-imputat u lil Abraham pero' hadd ma rrispondieha, nehhiet is-*seatbelt*, harget, ippruvat issib il-*handbag* biex iccempel pero' ma setghetx issibu, bdiet twerzaq, imbaghad waqaf ragel, poggieha mal-art, sabilha l-*handbag* u cemplet lill-habiba taghha Francesca. Tghid li Francesca marret fuq il-post u marru wkoll tal-ambulanza u l-Pulizija. Tghid li minkejja li ppruvat tqum bil-wieqfa, ma setghetx tqum ghax ma setghetx thoss saqajha. Tghid li l-*airbag* fejn kienet hi hareg minn postu. Tispjega li kemm hija, l-imputat u Abraham kellhom is-*seatbelt*. Mistoqsija tghid meta ghamel is-*seatbelt* Abraham, tghid li qabel Francesca Muscat nizlet mill-vettura lil Abraham qaltlu li kien ikun ahjar jilbes is-*seatbelt* b'konsegwenza ta' liema Abraham libes is-*seatbelt* peress li ratu jaghmel hekk. Tghid li Abraham kien ihobb hafna l-vetturi u minkejja li beda jghid *"cool"*, hi bdiet tibza' u qaltlu biex jisslowja. Tghid li rat l-i*speedometer* hafna aktar minn nofs, lejn il-lemin. Tghid li b'rizultat tal-incident sofriet griehi u tispjega li kellha *torn muscle* peress li l-imputat kisser il-minkeb maghha, u tghid li kellha wkoll tliet (3) *fractures* f'dahrha. Tixhed li ma kellhiex bzonn operazzjoni pero' tghid li damet l-iSptar madwar jumejn u nofs. Tghid li llum il-gurnata tinsab tajba pero' jugaghha dahra imma tghid: *"xejn gravi"* (*a fol.* 32). Tghid li ghall-kundizzjoni ta' dahra ma tiehu l-ebda trattament. Ezebiet *case summary* tal-iSptar li gie mmarkat bhala Dok. "GB" (*a fol.* 36 *et seq.*). Tghid li kellha tiehu xi medicina.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ma kinitx l-ewwel darba li rikbet mal-imputat u tispecifika li kien jghaddi ghaliha kull *weekend*. Tghid li kienu hbieb. Tghid li l-imputat kien jghaddi ghaliha minn Naxxar u li hafna drabi kien iwassalha lura. Tghid li dan kien fuq perjodu ta' madwar sena. Mistoqsija dwar kif kien ikun is-sewqan tal-imputat, wiegbet: *"Le hu dejjem kien isuq ftit imma qatt ma saq b'dak il-mod"* (*a fol.* 34). Ghad-domanda jekk hassitx ruhha komda tafda ruhha f'idejh, wiegbet fl-affermattiv.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 182 *et seq.*), tghid li l-ewwel marru Plush go Paceville imbaghad marru Havana. Tghid li mill-Plush hi u Francesca hadu *pitcher*. Tikkonferma li kien hemm l-imputat u mitluba tikkonferma jekk hax mill-*pitcher*, wiegbet: *"M'iniex certa"* (*a fol.* 183). Tghid li bhala xarba l-*pitcher* hija xarba hafifa. Tghid li wara marru l-Havana u mistoqsija tghid jekk tafx xorob l-imputat il-Havana, wiegbet li l-imputat mar mal-bar ma' Abraham pero' ma tafx x'hadu ghax ma kinitx hdejhom. Tghid li meta wasal il-hin biex imorru d-dar, l-imputat mar ghall-vettura u tikkonferma li f'dan il-hin kellmitu u mistoqsija tghid jekk dehrilhiex li l-imputat kien fis-sakra jew li ma kienx tajjeb biex isuq, wiegbet: *"Le normali"* (*a fol.* 185). Tghid li ratu lucidu u koerenti. Tghid li ma ratux jixxengel u li kieku ma ratux mixi normali ma kinitx titla' mieghu. Ghad-domanda: *"Meta kien ikun Paceville kellu xi habta li jkun fis-sakra u jsuq xorta?"* (*a fol.* 185), wiegbet: *"Le ma nahsibx"* (*a fol.* 185).

Fl-**Inkjesta Magisterjali**, quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg, Gabriella Bartolo xehdet fuq l-istess linji li xehdet quddiem il-Qorti. Qalet ukoll: *"Nghid li waqt li konna ghaddejjin jiena gbidtlu l-attenzjoni li kien ghaddej b'velocita' qawwija. Meta harist lejn l-ispeedometer rajt il-labra vicin il-mitejn (200 km.f.s) kilometru fis-siegha. Jiena ghidtlu biex inaqqas peress li kont qed nibza'. Fit-triq kollha qabel ma wassalna lil Francesca Muscat, Celik qal lil Keith Caruana sabiex isuq bil-mod peress li kien ser joqtolna. Kif harist lejn l-ispeedomter u qallu dak id-diskors kull ma niftakar hu l-vettura ddur u jien nwerzaq. Kif sehh l-incident jien ma nafx u ma niftakarx"* (*a fol.* 12 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Shakira Scerri** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn tghid li dakinhar tal-akkadut l-imputat ghadda ghal Gabriella, Francesca u ghaliha u baqghu sejrin Paceville. Tghid li l-imputat waqqafhom u sakemm hu mar jipparkja, marru jiehdu *drink* Plush. Tghid li meta wasal l-imputat, marru Havana u wara xi hin mar Abraham li kien ghadu gej mix-xoghol, hadu xi *drinks* u ghal xi s-2.30am telqu, hi raqdet fil-vettura u tghid li kienet wara x-xufier, cioé l-imputat. Tghid li hdejn ix-xufier kien hemm Gabriella, wara Gabriella kien hemm Franscesca, u bejn Francesca u bejnha

kien hemm Abraham. Tghid li l-imputat wassal lilha l-ewwel u li hi waqfet tas-Sliema. Tixhed: *"Il-hin li kont gol-karozza kont rieqda jien, kien hemm xi mumenti li bdejt inqum ghax bdejt inhossni skomda"* (*a fol.* 40). Mistoqsija ghala kienet skomda, taghmel riferenza ghar-*roundabout* li hemm Qui-Si-Sana u tghid: *"Jien qomt b'hasda u rajtu li ma darx ir-roundabout sew, rajtu dar bil-kontra biex jevita d-dawra kollha u kemm titla' mit-triq l-ohra"* (*a fol.* 40). Tghid li kif nizlet mill-vettura tiftakar lil Francesca tghid lil Abraham biex jilbes is-*seatbelt*. Tghid li Abraham mar fejn kienet hi, cioé wara x-xufier u ghamel is-*seatbelt*. Tghid li ratu jaghmel hekk.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 177 *et seq.*), tghid li lill-imputat ratu jixrob *pitcher* flimkien ma' Gabriella u Francesca. Tghid li meta l-imputat mar biex igib il-vettura halli jmorru lura d-dar f'ghajnejha l-imputat ma kienx fis-sakra. Tghid li lill-imputat ma ratux jixxengel. Mistoqsija tghid jekk meta jkun fis-sakra, l-imputat isuqx jew le, wiegbet: *"Mhux dejjem"* (*a fol.* 179). Ghad-domanda: *"Ara nghidx sew illi meta jkun fis-sakra jorqod fil-karozza?"* (*a fol.* 179), wiegbet: *"Iva"* (*a fol.* 180).

Fl-**Inkjesta Magisterjali**, quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg, Shakira Scerri xehdet fuq l-istess linji li xehdet quddiem il-Qorti. Qalet ukoll: *"Ghall-ewwel Caruana kien qed isuq sew izda kif wasalna hdejn ir-roundabout li hemm gewwa Qui-Si-Sana beda jgerri. Abraham Celik beda jghidlu biex inaqqas ghax ma kienx hemm ghaggla. Caruana wiegeb li ma kellu jibza' minn xejn. Lahaq wassalni sa fejn noqghod jien u Celik hadli posti, peress li hu kien bil-qieghda fin-nofs. Waqt li kont barra smajt lil Francesca Muscat tghid lil Celik sabiex jilbes is-seat belt. Telaq minn hdejja b'mod normali"* (*a fol.* 13 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Francesca Muscat** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn qalet li lill-imputat ilu tafu hmistax (15)-il sena. Tghid li dakinhar tal-akkadut, l-imputat kien mar ghaliha d-dar f'Ta biex u li kien ghadu kemm mar ghal Gabriella Bartolo n-Naxxar u baqghu sejrin tas-Sliema biex jghaddu ghal Shakira Scerri u baqghu sejrin Paceville. Tghid li hi ssuq. Tixhed li kien saru xi l-10.30pm u li meta kienu Paceville marru Plush u Havana. Tghid li Abraham

Celik mar jiltaqa' maghhom Paceville aktar tard peress li kien xoghol. Ma tiftakarx fi x'hin iltaqghu ma' Abraham. Tghid li ghal xi s-2.30am iddecidew li jmorru lura d-dar u marru lura bil-vettura Volkswagen tal-imputat. Tghid li x-xufier kien l-imputat, Gabriella Bartolo kienet magenb l-imputat, Shakira kienet wara x-xufier, hi (Francesca) kienet wara Gabriella u bejnha u Shakira kien hemm Abraham. Tghid li l-ewwel ghaddew minn max-xatt biex imorru tas-Sliema halli jwasslu lil Shakira. Tispjega li l-imputat kien qed isuq b'velocita' qawwija u hi qaltlu kliem biex isuq bil-mod, pero' ma tiftakarx ezatt il-kliem. Tahseb li Shakira kienet rieqda. Tghid: *"Ghax konna ghaddejjin b'velocita' qawwija u naf li fuq wara tinhass iktar milli fuq quddiem speed u konna qed nispiccaw kwazi fuq xulxin"* (*a fol.* 45). Tghid li *di fatti* f'hin minnhom hi libset is-*seatbelt*. Tispecifika li libsitu wara dawra li hemm f'Balluta. Tghid li meta nizlet Shakira, Abraham ha l-post taghha. Tghid li Abraham mhux hemm libes is-*seatbelt* u mistoqsija meta, tixhed: *"Hin minnhom induna li jiena liebsa s-seatbelt, ma niftakarx ezatt imma naf jew kien ha jizloq lagenba ma niftakarx ezatt, imma qalli: "Int liebsa s-seatbelt? Ahjar naghmel bhalek!" jew ghidtlu, ma nafx ezatt, pero' naf li libsu meta kont jien kwazi wasalt id-dar nahseb"* (*a fol.* 46). Tghid li hi tghix tax-Xbiex. Tghid li Abraham libes is-*seatbelt* f'xi mument wara li nizlet Shakira sakemm waslu Ta' Xbiex. Tghid li wara li waslet id-dar, cemplitilha Gabriella li bdiet tibki u tghajjat u tghid li marret fuq il-post. Tghid li meta waslet fuq il-post, l-imputat u Abraham kienu ghadhom bil-qieghda fuq is-*seat* taghhom u Gabriella kienet fejn sigra mal-art u kien hemm ukoll il-paramedici li kienu ghadhom kemm waslu fuq il-post.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid jekk din kinitx l-ewwel darba li rikbet mal-imputat, wiegbet fin-negattiv u tghid li kwazi kull *weekend* kien imur ghalihom u jwassalhom lura d-dar – lilha u lil Gabriella u gie lil Sharika, pero' mhux dejjem. Tghid li rikbet mal-imputat hafna drabi. Mistoqsija tghid jekk qalux lill-imputat li kien qed isuq, u jekk hu rreagixxiex, wiegbet: *"Ma niftakar li qal xejn speci"* (*a fol.* 47). Wara qalet li l-imputat ma qalilhom xejn. Mistoqsija tghid jekk naqqasx l-i*speed*, tghid li ma tiftakarx li l-imputat ghamel hekk. Tghid li milli tiftakar l-imputat beda jsuq bi *speed* qawwi mindu telqu. Mistoqsija tghid jekk ratx l-i*speedometer*,

wiegbet fin-negattiv pero' tghid li kienet qed thoss li kien sewqan b'certu *speed*. Tghid li dak il-hin ma tantx kien hemm hafna vetturi fit-triq. Tghid li ghaddew mix-xatt kollu ta' tas-Sliema.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 165 *et seq.*), tghid li qabel rikbu l-vettura fi triqithom lejn id-dar ma ratx li l-imputat kien fis-sakra. Mistoqsija tikkonfermax li l-imputat kien lucidu, wiegbet: *"Normali"* (*a fol.* 166). Tghid li ma kienx qed jaghmel hmerijiet u li ma tiftakarx li kien qed jixxengel. Ma jidhirlix li xammet riha ta' xorb fuq l-imputat.

Fl-**Inkjesta Magisterjali**, quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg, Francesca Muscat xehdet fuq l-istess linji li xehdet quddiem il-Qorti. Qalet ukoll: *"Tlaqna minn Paceville u qabel ma tlaqna jiena kont bil-qeghda fuq wara naha tax-xellug. Ghall-ewwel Caruana kien qed isuq normali izda kif qabez ir-roundabout ta' Qui-Si-Sana ghal xi raguni mhux maghrufa Caruana beda jgerri. Dak il-hin jiena tant bzajt li lbist is-seatbelt. Niftakar li anki jiena kont ghidtlu sabiex inaqqas il-velocita' izda Caruana ma wegibniex u baqa' ghaddej bl-istess velocita'. Waqqaf lil Scerri u Celik ha postha. Kif konna ghadna weqfin jiena ghidt lil Celik sabiex jilbes is-seat belt. Wara nzilna n-nizla tax-xatt u Caruana baqa' jsuq bl-istess velocita' u cioé wahda gholja. Niftakar li harist lejn l-ispeedometer u niftakar li kien qed isuq bejn mija sa mija u tmemin (100-180 k.f.s.) kilometru fis-siegha. Lili wassalni d-dar"* (*a fol.* 14-15 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehed **Dr. Jonathan Joslin** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn spjega li fid-9 ta' Gunju 2013 kien gie msejjah mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fir-rigward ta' incident stradali li sehh f'Valley Road fejn vettura baqghet diehla go sigra b'dak li hu jsejjah bhala *rapid acceleration*. Jghid li kif wasal fuq il-post sab li kien hemm tliet persuni: Keith Caruana x-xufier, il-passiggiera Gabriella Bartolo u certu Abraham Celik li kien mejjet fuq in-naha ta' wara tal-vettura. Jghid li Gabriella Bartolo kellha sintomi ta' *concussion* u *amnesia* mal-impatt. Jghid li kellha ksur f'numru ta' rkiekel u kif ukoll tbengiel fuq in-naha ta' zaqqha fuq quddiem u

fuq wara. Jghid li l-griehi sofferti minn Bartolo kienu gravi *per durata* minhabba l-ksur.

**Dr. Jonathan Joslin** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 116 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu fil-konfront ta' Gabriella Bartolo liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JJ 1" (*a fol.* 119 *et seq.*). Jghid li Bartolo kellha ksur fi tliet irkiekel u jispecifika li dak li kellha miksur kienu bicciet tal-ghadam li johorgu mill-irkiekel u li wara l-incident baqghet l-iSptar ghal tliet ijiem ghal *bed rest* u li wara ghamlet xahar ta' fisjoterapija. Jghid li wara dak ghamlet xahrejn *off work* u tliet xhur wara l-incident kienet tajba bizzejjed biex issiefer minghajr problemi. Jghid li Bartolo kellha tliet ilmenti: (a) *emotional ability* peress li miet persuna waqt l-incident, (b) xi drabi jkollha ugiegh mal-*period* li jghid huwa *"doubtful association mill-incident itself li hu difficili tghid"* (*a fol.* 117), (c) xi drabi tghid li l-flessibilita' taghha fuq il-movimenti taghha huwa mnaqqas. Jixhed: *"There is no permanent physical disability noted kwazi sentejn wara jigifieri at the end of the day mill-konkluzjoni li ghamilt there is no percentage disability physical disability, however this does not exclude li she does suffer from emotional effects or psychological effects minhabba l-incident li sofriet"* (*a fol.* 117). Jghid ukoll: *"Li kellha l-injuries kienu marked as grievous per durata li kellha small fractures along the transverse process. Jigifieri dan mhux l-irkiekel ikun ma' kull rukkell jkollok an outgrowth of the bone fejn jehel l-ghadam. Hi li kellha kienu small cracks in these small bones. Jigifieri at the end of the day din hija kwistjoni ta' bed rest u physiotherapy illi hadet fil-fatt after three months kienet tajba bizzejjed biex issiefer bl-ajruplan. Jigifieri it's a question of healing bhal ksur, jigifieri kienu grevious per durata. In danger of loss of life ma niftakarx li kellha but it has to be confirmed mill-original reports"* (*a fol.* 117-118).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehdet ukoll **Karen Cremona** (*a fol.* 56 *et seq.*) in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn qalet li vettura bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 hija Volkswagen Polo ta' kulur griz, registrata fuq l-imputat u kienet ilha hekk registrata mis-6 ta' Mejju 2011. Tghid ukoll li fid-9 ta' Gunju 2013, l-imsemmi Caruana seta' jsuq vettura privata. Ezebiet id-dokumentazzjoni li xehdet fuqha li giet immarkata bhala Dok. "CB" (*a fol.* 58 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehed ukoll **PS 1268 Ivan Caruana** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjega li fid-9 ta' Gunju 2013 kien xoghol l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u gie moghti struzzjonijiet sabiex imur jaghmel *breathalyser test* gewwa l-Emergenza tal-iSptar Mater Dei fuq il-persuna ta' Keith Caruana. Jghid li l-imsemmi Keith Caruana nghata t-twissija u t-test irrizulta 017ug/100mL. Jghid li kien negattiv. Ir-rizultat gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "IC" (*a fol.* 65).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehed ukoll **Stephen Friggieri** (*Assistant Rescue Officer* fil-Protezzjoni Civili – *a fol.* 66 *et seq.*) fejn qal li kienu gew mghajjta ghall-habta tat-3.00am tad-9 ta' Gunju 2013 peress li kien hemm habta fil-Wied tal-Msida. Jghid li kif waslu fuq il-post, kien hemm diga tabib li ccertifika lill-passigier li kien riekeb fuq wara tal-vettura bhala mejjet.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015, xehed **Dr. Mario Buttigieg** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn ghamel riferenza ghar-rapport redatt minnu li jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal. Jispjega li gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti bhala espert u kkonferma l-konkluzjonijiet tieghu raggunti fir-rapport. Mistoqsi dwar l-i*speed* li kien qed isuq bih l-imputat, qal: *"kien ghaddej b'velocita' dan hadtu imma mix-xhieda li tat Gabriella Bartolo li kien ghaddej b'madwar mitejn kilometru fis-siegha"* (*a fol.* 113). Mistoqsi jghid jekk ghamilx xi ezami xjentifiku, wiegeb: *"Le bazikament li kien hemm fuq il-dan kien hemm skid marks li bdew minn naha ta' ahna u gejjin mill-Msida sejrin lejn Birkirkara li bdiet minn hemmhekk l-iskid marks bdew u li baqghu sejrin dritt ghal gos-sigra kien hemm bazikament a semi-circle ta' skid marks fuq il-wicc tat-triq li dawn jindikaw li l-vettura tilfet il-kontroll u hemmhekk it-triq hija dritta li ma kellux bazikament ghalfejn jitlef il-kontroll meta sewwieq ikun qed isuq b'mod normali"* (*a fol.* 114).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016, xehed **PS 612 Theo Vella** (*a fol.* 142) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 38 *et seq.* tal-Process Verbal.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2016, xehed **Dr. Michael Spiteri** (*a fol.* 147 *et seq.*) fejn spjega li huwa Konsulent fid-Dipartiment tal-

Emergenza fl-iSptar Mater Dei. Jghid li huwa ma kien hareg l-ebda certifikat. Jghid li kien iccertifika pazjent li sfortunatament miet fuq il-post. Jiftakar li l-incident kien gara fi Triq il-Wied, l-Msida u li dan sehh fis-sieghat bekrin ta' filghodu. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, il-persuna li ra bla hajja kienet fuq is-*seat* ta' wara.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2016, xehed ukoll il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 149) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 19 *et seq.* tal-Process Verbal. Jghid li kien gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti biex jaghmel pjanta tal-post u fiha ndika dak kollu rilevanti.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017, xehed l-imputat **Keith Caruana** (*a fol.* 187 *et seq.*) fejn beda billi qal li ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena u jahdem bhala *accountant*. Spjega li ghal xi l-10.00pm telaq mid-dar u ghadda ghal Gabriella Bartolo n-Naxxar, wara ghal Francesca Muscat f'Ta' Xbiex, ghadda ghal Shakira Scerri minn tas-Sliema u baqghu sejrin Paceville. Jghid li dan kien jigri kwazi kull nhar ta' Sibt. Jghid li l-ewwel marru Plush u kienu saru xi l-11.00pm, xorbu *pitcher* li qal ikun maghmul minn Vodka, Sprite u silg u li qal ikollok madwar sitt tazzi ta' anqas min nofs pinta. Jghid li bhala *drink* m'huwiex drink qawwi. Jghid li madwar nofs il-lejl marru l-Havana u hemmhekk iltaqghu ma' Abraham Celik. Jixhed: *"Minn hemmhekk xtrawli shot wiehed Sambuca u mbaghad aktar tard xi siegha wara qisu ghal xi s-siegha jien u Abraham xtrajna Vodka Red Bull u qsamnieh bejn tlieta nofs bin-nofs"* (*a fol.* 188). Jghid li dawn ikunu *shots* zghar – nofs Vodka u nofs Red Bull. Jghid li ghal xi s-2.15am hu telaq jimxi ghall-vettura ghax kellu kwarta mixja. Jghid li fil-fehma tieghu hu kien normali u wara li wasal ghall-vettura mar biex jigbor lil Gabriella, Francesca, Shakira u Abraham minn hdejn il-mina tas-Swieqi peress li bdew jistennewh hemm. Jghid li din kienet l-ewwel darba li Abraham kien ser jitla' mieghu. Jghid li l-ewwel wassal lil Shakira peress li toqghod tas-Sliema, billi ghadda minn San Giljan minn quddiem ix-xatt imbaghad dar minn Qui-Si-Sana. Jghid li wara li wassal lil Shakira mar lejn Ta' Xbiex biex iwassal lil Francesca, wassal lil Francesca f'liema hin kien ghad kellu lil Gabriella fuq quddiem u lil Abraham fuq wara. Jixhed li minn Ta' Xbiex hareg minn fejn il-Mamma Mia: *"jien minn*

*hemmhekk ma niftakar xejn hlief il-hin tal-accident niftakar lil Gabriella tghajjat ismi tliet darbiet"* (*a fol.* 189). Jghid li huwa spicca b'idu tax-xellug miksura u zewg kustilji mixquqin u jghid li kellu jigi operat. Jiftakar lil Gabriella tghajjat ismu pero' jghid li dak il-hin kien diga tilef il-vettura li jghid kienet qed tizzerzaq. Jghid li l-ahhar li jiftakar fis-sewqan tieghu kien meta kien hdejn il-Mamma Mia. Mistoqsi jghid x'jiftakar wara, wiegeb: *"Il-Wied tal-Msida sejjer lejn Birkirkara l-karozza qed tizzerzaq harira u lil Gabriella tghajjat ismi u dik is-sekonda biss niftakar, ma niftakar xejn izjed"* (*a fol.* 190). Jghid li ntilef minn sensieh u anqas jiftakar id-daqqa li hadu. Jghid li x'hin fetah ghajnejh kien hemm Gabriella bil-wieqfa qeghda ccempel u kien hemm vettura pparkjata n-naha l-ohra tat-triq u kien jidher li ma' Gabriella kien hemm ragel. Jghid li dak il-hin ghajjat lil Abraham, li ma wegbux, fetah il-mera ghax kellu t-tieqa miftuha u ma rnexxilux jara lil Abraham. Jghid li kien mar ikellmu wiehed mill-Pulizija li mar fuq il-post u milli jiftakar staqsieh kemm kienu nies fil-vettura. Jghid li mbaghad kif il-Pulizija resaq minn hdejh, hu (l-imputat) rega' intilef minn sensieh u mbaghad jiftakar li sab ruhu l-iSptar. Jghid li kien qed isuq Volkwagen Polo u li meta kien ghaddej mix-xatt ma jidhirlux li kien qed jaghfas hafna *speed*. Jghid pero' li qata' ir-*roundabout* ta' Qui-Si-Sana u li minkejja li suppost idur maghha hu ma ghamilx hekk pero' kiser fuq il-lemin. Ma jafx ghala ghamel hekk. Jispecifika li biex jaghmel hekk kellu jnaqqas l-i*speed* u bhala manuvra giet aktar difficli. Jghid li fi Qui-Si-Sana t-triq kienet pjuttost vojta. Mistoqsi dwar *speed*, jghid: *"Ma niftakarx kemm kont ghaddej imma mhux ha nghid li kont ghaddej bilfors bis-sittin imma ma niftakarx li kont ghaddej b'velocita' eccessiva jien"* (*a fol.* 191). Jghid li wara l-incident u wara li kellmu l-Pulizija, x'hin qam l-iSptar beda jistaqsi kif kienu l-ohrajn li kien hemm mieghu fil-vettura. Jghid li l-Pulizija staqsewh jekk riedx jaghmel il-*breathalyser test* u hu wiegeb fl-affermattiv u ghamlu. Jghid li dan kien ghal xi l-5.30am. Ikkonferma li rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija. Din giet moqrija lilu.

Jirrizulta li l-istqarrija (Dok. "KC" – *a fol.* 12 *et seq.*) giet rilaxxata fil-15 ta' Gunju 2013 wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat pero' huwa rrinunzja ghal dan id-dritt. F'din l-istqarrija jirrizulta s-segwenti:

qal li l-vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 ilha ghandu sentejn u xahar u li kienet inxurjata mal-Middlesea Insurance. Dak li qal fl-istqarrija huwa fuq l-istess linji ta' dak li xehed l-imputat quddiem il-Qorti u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser issir riferenza ghal dak li diga nghad mill-imputat hawn fuq. Meta fl-istqarrija l-imputat gie mistoqsi jghid rigward dak li xorob dak il-lejl, huwa wiegeb hekk: *"hadt pitcher Vodka bl-iSprite, nofs tray Vodka Red Bull kif ukoll shot Sambuca"* (*a fol.* 13). Fl-istqarrija jghid li meta telqu minn Paceville, filwaqt li fuq wara kien hemm Shakira, Abraham u Francesca, fuq quddiem kien hemm Gabriella. Meta gie mistoqsi jghid b'kemm kien qed isuq bhala *speed* meta wasal fejn ir-*roundabout* ta' Tigné, wiegeb: *"Ma nafx pero' ma jidhirlix li aktar minn sittin. Fin-nizla jista' jkun li kont qieghed insuq pero' fejn ir-roundabout naqqast zgur"* (*a fol.* 13). Jichad li f'xi hin it-tfajliet qalulu biex inaqqas l-i*speed* peress li kienu mbezza' bis-sewqan tieghu. Mistoqsi xi jghid dwar il-fatt li bdew jiccajtaw li s-sewqan tieghu kien bhal tal-*Formula One*, wiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 13). Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li Abraham qallu: *"naqqas ghax ser toqtolna"* (*a fol.* 13), wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma jiehux drogi. Mistoqsi jghid jekk matul il-gurnata tat-8 ta' Gunju 2013 huwa hax xi pilloli, wiegeb: *"Fil-ghodu 8am hadt zewg panadols cold and flue u tnejn ohra wara nofsinhar ghall-habta tas-2pm. Mistoqsi jekk niehux xi pirmli ohra, nghid li le"* (*a fol.* 14). Mistoqsi x'jiftakar mill-incident, jghid li huwa sar jaf fejn sehh l-incident hekk kif stenbah. Jghid: *"Li niftakar huwa lil Gabi twerzaq "Keith Keith Keith", niftakar li kelli idi tax-xellug fuq l-isteering migbud lejn il-lemin u naf li ntlift minn sensija. Kif qomt rajt lil Gabriella ccempel, ippruvajt niftah il-bieba u ma stajtx, ghajjat lil Abraham u rrangajt il-mera fejn wara ergajt intlift minn sensija u haduni l-iSptar"* (*a fol.* 14). Mistoqsi x'griehi sofra, wiegeb: *"Ghandi l-elbow tax-xellug miksura, zewg kustilji mkissrin, u bejn one fifth u two fifth tal-kilwa mejta"* (*a fol.* 14).

Mistoqsi fil-Qorti jikkonfermax dak li nghad fl-istqarrija tieghu, jghid: *"L-uniku haga li miniex cert hija l-pitcher tal-bidu jekk hadtux wahdi jew jekk qsamnihx kollha f'daqqa. Il-bqija nikkonferma kull ma hemm hemmhekk"* (*a fol.* 193). Jghid li meta marru fl-ewwel bar kienu

hu, Gabriella, Francesca u Shakira. Jghid li tul il-lejl kien maghhom hlief meta hu u Abraham marru jixtru t-*tray* bil-Vodka u r-RedBull mill-Havana. Jghid li ghall-vettura mar wahdu. Mistoqsi jghid jekk apparti li meta kien hemm mat-tfajliet u kellhom il-*pitcher* kienx hemm *drinks* ohra, wiegeb: *"Ma niftakarx drinks ohra"* (*a fol.* 193). Mistoqsi x'effett kellu fuqu dan l-incident, wiegeb: *"Ifhem ma nafx kif naqbad niddeskriviha, ghadni nhossha sallum u ghadni m'iniex komdu li nitkellem fuqha sallum. Fil-bidu li kont ghamilt kont mort ghand counsellor biex tghini naqra u mbaghad iktar tard mort ghand psikjatra kemm ikolli lil xi hadd ma' min nitkellem imma ifhem xejn pjacevoli ovvjament u hi xi haga li tibqa' mieghi hajti kollha"* (*a fol.* 193).

In kontro-ezami ikkonferma li meta gew biex imorru lura d-dar, l-ewwel li wassal kien lil Shakira. Meta nghad lilu li Francesca Muscat xehdet illi hu tant kien qed isuq bi *speed* li libset is-*seatbelt* u qaltlu biex inaqqas u mitlub jikkonfermax dan, wiegeb: *"Ma niftakrux"* (*a fol.* 194). Jghid ukoll: *"Ma niftakrux, hemm affarijiet ohra ma niftakarx matul il-lejl jigifieri ma nistax nghid kategorikament li ghax ma ntqalx"* (*a fol.* 194). Jghid li ma jhossx li Francesca kellha ghalfejn tivvinta. Mistoqsi jiftakarx li Francesca Muscat qaltlu biex inaqqas l-i*speed* u qaltlu li kien qisu tal-*Formula One*, wiegeb: *"Le"* (*a fol.* 194). Ma jiftakarx lanqas li Francesca insist ma' Abraham sabiex jilbes is-*seatbelt*. Jiftakar li Abraham kien libes is-*seatbelt* pero' ma jafx ghala. Ma jiftakarx li Abraham kien qallu xi diskors meta kien bil-qieghda fuq wara u ghazel li jilbes is-*seatbelt* zewg minuti qabel sehh l-incident. Filwaqt li saritlu riferenza ghal dak li qal l-espert tat-traffiku Dr. Mario Buttigieg fejn jinghad li qal li meta wasal hdejn l-Ghajn tal-Hasselin, tant kien ghaddej bi *speed*, li hu (l-imputat) tilef il-kontroll, il-vettura tieghu daret darbtejn, u mistoqsi jghid jekk jiftakarx li dar darbtejn, wiegeb: *"Le. Naf li tliftha minn wara u ma niftakar xejn izjed"* (*a fol.* 195). Meta nghad lilu li l-espert tat-traffiku Dr. Mario Buttigieg qal li meta hu kien gej ghal-liwja, hadha b'madwar 200 k.f.s. u jekk jidhirlux li dan l-i*speed* kienx ftit wisq ghal dik il-liwja, wiegeb: *"Il-karozza ma kinitx tilhaqhom"* (*a fol.* 195). Jikkonferma li tilef il-kontroll tal-vettura. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi raguni ghala kellu jitlef il-kontroll tal-vettura jekk mhux ghax kien ghaddej b'wisq velocita', wiegeb: *"Hemm it-tappieri ukoll qabel xorta"* (*a fol.* 195). Mistoqsi jghid jekk hax it-tappiera, wiegeb

fin-negattiv. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi spjegazzjoni kif il-vettura tieghu tilfet il-kontroll taghha u spiccat fejn spiccat, wiegeb fin-negattiv.

In <u>ri-ezami</u> mistoqsi dwar il-klima, jghid: *"Naf zgur li kien in-nida ghax x'hin dhalt fil-karozza xghelt il-wiper minhabba n-nida"* (*a fol.* 195). Jghid li skond il-*brochure* tal-Volkswagen tilhaq 165 massimu u li l-vettura qatt ma rathom 165.

Fl-**<u>Inkjesta Magisterjali</u>**, quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg, Keith Caruana xehed fuq l-istess linji li xehed quddiem il-Qorti. Jghid ukoll: *"Wara li wassalt lil Sharika Scerri ma niftakarx minn fejn ghaddejt sabiex inwassal lil Francesca Muscat id-dar, ghalkemm is-soltu jiena naqbad it-triq tax-xatt ta' tas-Sliema. Wara ghaddejt mill-Gzira u bqajt sejjer fejn kien hemm ix-showroom tal-Opel. L-ahhar li niftakar kien li tlajt it-telgha, inzilt fejn il-Mamma Mia u dak kien l-ahhar mument li jiena niftakar. L-ahhar mumenti li niftakar kienu lil Gabriella Muscat [<u>recte</u>: Bartolo] tghajjat: "Keith, Kieth, Keith!". Bhala impatt u kif kont qed insuq fi Triq il-Wied ma niftakar xejn"* (*a fol.* 16 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 Process Verbal).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018, xehed **Joseph Craig Schembri** (*a fol.* 198 *et seq.*) fejn qal li huwa Direttur ta' Deloitte, fejn jahdem l-imputat. Jghid li l-imputat jahdem fit-*tax compliance team* u li gie promoss ghal *manager*. Xehed rigward l-interess kbir li l-imputat juri fil-professjoni u fl-istudji li qieghed jaghmel. Spjega li ma ghandu xejn negattiv xi jghid fir-rigward tal-imputat, kemm etikament, akkademikament u professjonalment.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018, xehed ukoll **Jeffrey Custò** (*a fol.* 201 *et seq.*) fejn qal li huwa Assistent Amministratur fl-Ufficju Metereologiku. Jispjega li fid-9 ta' Gunju 2013 it-temp kien pjuttost umduz u b'hekk gie kkawzat certu ammont ta' cpar mal-lejl kollu ta' bejn it-8 ta' Gunju u d-9 ta' Gunju u li kienet giet rappurtata n-nida minn bosta postijiet madwar Malta u Ghawdex. Jghid li kien hemm certu ammont ta' shab baxx u kien pjuttost tqil ghal cpar specjalment bejn is-1.45am u s-5.45am. Jghid li l-vizibilita' naqset sa mija u hamsin (150) metru f'certu hinijiet specjalment madwar il-hin

tal-3.45am. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm nida wkoll, wiegeb: *"Iva normalment meta jkun hemm cpar daqstant ohxon, normalment ihalli n-nida warajh"* (*a fol.* 202).

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda: *"Inti ghidtilna li kien hemm vizibilita' ta' mija u hamsin metru. Taf liema postijiet? Fejn? B'kemm gholi? B'kemm baxx?"* (*a fol.* 202), wiegeb: *"Partikolarment ahna li nistghu niehdu f'dan il-kaz partikolari ovvjament peress li jkollna l-osservatur li huwa minn Hal-Luqa. Issa naf li l-kaz kien fl-Msida pero' l-Msida peress li huwa wied normalment ic-cpar jaf jaqa' iktar minhabba li jkun fil-baxx allura nissaponi li l-vizibilita' jaf waqghet l-istess ammont minhabba li jkun hemm l-istess ammont"* (*a fol.* 202). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi haga f'dak il-lejl li kien differenti minn xi ljieli ohra fejn ikun hawn cpar f'Malta, wiegeb: *"Le xejn partikolari"* (*a fol.* 203).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehdet **Yvette Tonna Borg** (*a fol.* 206 *et seq.*) fejn spjegat li hija Assistent Registratur fil-Qrati u Tribunali Civili u ezebiet vera kopja tax-xiehda ta' Shakira Scerri, Francesca Muscat u Gabriella Bartolo moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Rose Celik et vs. Keith Caruana et** (Rikors Guramentat Numru 706/15).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed ukoll il-**Konsulent Psikjatra Anthony Dimech**[2] (*a fol.* 216 *et seq.*) fejn spjega li ghandu specjalizazzjoni fl-*addictions* tas-sustanzi u anke ta' imgibiet ohra. Spjega li l-*breathalyser test* jaghti indikazzjoni ta' kemm il-gisem qed jarmi ammont ta' alkohol mill-gisem *through* in-nifs. Jixhed dwar il-fatturi fir-rigward tal-livell ta' alkohol fin-nifs fuq xiex jiddependi u dwar il-fatturi li jiddeterminaw kemm ha jkun il-livell fid-demm. Jghid li jaffetwa wkoll x'tip ta' alkohol gie kkunsmat. Spjega wkoll li wara li l-alkohol gie kkunsmat, hemm fatturi ohra li jiddeterminaw il-hin li ha jiehu l-alkohol biex isib ruhu fid-demm. Jghid li jiddependi wkoll minn dak li l-gisem qed jaghmel bl-alkohol, kif qed jigi metabolizzat fejn jghid li disghin fil-mija (90%) isir fil-fwied u ghaxra fil-mija (10%), bejn wiehed u iehor, johrog jew fl-gharaq jew inkella fin-nifs. Jghid li hemm fatturi ohra li

[2] Gie rilaxxat mis-sigriet professjonali (*a fol.* 204).

jaffetwaw hafna r-rata ta' metabolizmu tal-alkohol: il-*gender*, l-istat ta' attivita' tal-gisem. Jghid li jekk bniedem ikun fi stat ta' xokk emozzjonali jista' jnaqqas ir-rata ta' metabolizmu u b'hekk idum aktar mal-gisem biex jehles minnu jigifieri l-livell fil-*breathalyser* jibqa' ghola aktar fit-tul. Ghad-domanda: *"hemm xi rata stabbilita ta' kemm skond kemm tkun xrobt grokkijiet inti jkollok"* (*a fol.* 228), wiegeb: *"Issa hemm nghidulu l-livell ta' metabolism malajr jilhaq saturation point jigifieri l-gisem mhux kapaci kemm ittih iktar ma ttih iktar ir-rata tal-metabolizmu ha tkun oghla ghax l-enzimi malajr jigu saturated allura jkun hemm qisu l-alkohol jrid jikkjuwja biex jigi metabolizzat bil-mod tant hu hekk li kien hemm kazijiet barra minn Malta fejn persuna li tikkonsma l-alkohol filghaxija u l-ghada filghodu waqt li sejra ghax-xoghol jigifieri jkunu ghaddew diversi sieghat mill-hin li jigi kkonsmat l-alkohol jista' l-breathalyser test ikun ghadu gholi dawn kien hawn kazijiet li graw hekk"* (*a fol.* 229).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda incident stradali li sehh fid-9 ta' Gunju 2013 ghall-habta tat-3.00am meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KTH 392 fi Triq il-Wied tal-Msida, Birkirkara fid-direzzjoni ta' Birkirkara f'liema hin il-vettura baqghet diehla go sigra bil-konsegwenza li Abraham Celik li kien bil-qieghda wara x-xufier tilef hajtu, bil-passiggiera bl-isem ta' Gabriella Bartolo li kienet ma' genb l-imputat issofri griehi u bl-imputat innifsu jsofri wkoll xi griehi. L-impatt kien wiehed qawwi hafna. L-imputat u Abraham Celik inhargu mill-vettura wara li tal-Protezzjoni Civili marru fuq il-post tal-incident. Jirrizulta li nfethet Inkjesta Magisterjali li kkonkludiet li ghandhom jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat minhabba diversi ragunijiet in segwitu ta' liema konkluzjonijiet infethet il-kawza odjerna u b'hekk l-imputat gie akkuzat talli:

- b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna l-mewt ta' Abraham Celik u kkaguna griehi ta' natura gravi fuq Gabriella Bartolo,

- ikkaguna hsara involontarja lill-proprjeta' pubblika,

- saq il-vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz,

- saq taht l-influwenza tax-xorb u

- saq b'velocita' eccessiva.

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie vverbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 204) fir-rigward tad-dokument immarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 209 *et seq.*) ipprezentat dakinhar stess minn Yvette Tonna Borg fuq talba tad-difiza, f'liema verbal il-Qorti rrizervat li tipprovdi fil-gudizzju finali dwar l-inammissibilita' *o meno* tad-dokument imsemmi. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li hadet konjizzjoni tad-dokument imsemmi u ta' dak li jirrizulta mid-depozizzjonijiet li jiffurmaw parti mid-dokument imsemmi u ma rrizultalhiex li x-xhieda li d-depozizzjoni taghhom tinsab f'Dok. "X" (*a fol.* 209 *et seq.*) *"espandew kemm kemm izjed"* kif inghad *a fol.* 207. Anzi x-xhieda in kwistjoni xehdu b'mod aktar dettaljat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Il-Qorti tinnota li ma ghandha ghalfejn tghaddi l-ebda kummenti ohra ghajr ghal dawk li diga' ntqalu mill-istess Qorti u li jirrizultaw traskritti fit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tax-xhud Yvette Tonna Borg (*a fol.* 206 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat kien Paceville flimkien mal-erba' passiggieri li kellu mieghu fil-vettura tieghu, cioé Gabriella Bartolo, Shakira Scerri, Francesca Muscat u Abraham Celik u l-incident sehh wara li l-imputat kien diga' wassal lil Shakira Scerri u lil Francesca Muscat

id-dar f'tas-Sliema u f'Ta' Xbiex rispettivament u kien qed isuq il-vettura fi Triq il-Wied tal-Msida lejn Birkirkara.

Illi da parte tieghu l-imputat ma jafx kif sehh l-incident tant li quddiem il-Qorti qal li minn Ta' Xbiex hareg minn fejn il-Mamma Mia: *"jien minn hemmhekk ma niftakar xejn hlief il-hin tal-accident niftakar lil Gabriella tghajjat ismi tliet darbiet"* (*a fol.* 189). L-imputat qal l-istess lil PS 1157 Bertly Aquilina li hejja l-okkorrenza (Dok. "BA" – *a fol.* 19 *et seq.*) tal-incident stradali *de quo* tant li jirrizulta li Keith Caruana ta s-segwenti verzjoni: *"Ahna konna grupp ta' hamsa, u kien hemm Gabriella Bartolo ID No. 277192M quddiem, Francesca Muscat, Shakira Scerri u Abraham fuq wara, u morna nwasslu lil Shakira tas-Sliema u wara lil Francesca Ta' Xbiex, bqajna sejrin biex inwasslu lil Abraham Birkirkara stess. L-ewwel darba li wassaltu d-dar. X'hin wasalna fil-Wied, ma nafx x'gara kull ma naf li smajt lil Gabriella twerzaq u smajt id-daqqa. Bdejt nghajjat lil Abraham izda ma rrispondinix"* (*a fol.* 21).

Da parte taghha, Gabriella Bartolo qalet hekk fl-okkorrenza *a tempo vergine*: *"qalet li Keith beda' jsuq b'naqra speed u bdiet tghidlu biex jisslowja izda x'hin mar iwaqqaf, skidja probabilment fuq in-nida u tilef il-kontroll"* (*a fol.* 26). Anke quddiem il-Qorti, Bartolo xehdet li minkejja li l-imputat beda jipprova jisslowja, il-vettura skidjat, bdiet tispinnja sakemm spiccaw ma' sigra u l-vettura giet thares lejn il-Gzira minkejja li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni ta' Birkirkara. Fl-Inkjesta Magisterjali, quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg, Gabriella Bartolo qalet: *"Fit-triq kollha qabel ma wassalna lil Francesca Muscat, Celik qal lil Keith Caruana sabiex isuq bil-mod peress li kien ser joqtolna"* (*a fol.* 12 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Caruana** moghtija fit-3 ta' April 2003 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. James Abela** [11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew *"circumstantial evidence"* li joholqu certi *"presumptions of*

*fact"* kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Illi gie ukoll ritenut li *"ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll"* [App. Krim. **Pulizija vs. Neville John Psaila**; 20.3.2003].

Illi, kif intqal, fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-*"casus"* kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li: *"F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" sic et simpliciter, imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali".* [**Il-Pulizija vs. Carmel Cachia** – Vol. XXXVII, iv. p.920]".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-imputat tilfet il-kontroll u spiccat bi hsarat estensivi hafna u dana jirrizulta minn uhud mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport redatt minn PS 612 Theo Vella, liema rapport jinsab *a fol.* 38 *et seq.* tal-Process Verbal. Jirrizulta li l-hsara l-kbira kagun tad-daqqa mas-sigra tinsab fuq in-naha tal-lemin ta' wara tal-vettura u cioé fejn kien bil-qieghda Abraham Celik, kif *del resto* jikkonstata

Dr. Mario Buttigieg fir-rapport tieghu (*a fol.* 19 tar-rapport tieghu li jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi l-Qorti tinnota wkoll li mill-atti processwali jirrizulta dak li xehed l-Assistent Amministratur fl-Ufficju Metereologiku Jeffrey Custò fir-rigward ta' kif kien it-temp dakinhar tal-lejl bejn it-8 ta' Gunju u d-9 ta' Gunju 2013. Fir-rigward tan-nida li giet rappurtata, Custò jghid li kien hemm certu ammont ta' shab baxx u kien pjuttost tqil ghal cpar specjalment bejn is-1.45am u s-5.45am u li l-vizibilita' naqset sa mija u hamsin (150) metru f'certu hinijiet specjalment madwar il-hin tal-3.45am. Minkejja dan, ghad-domanda in kontro-ezami jekk kienx hemm xi haga f'dak il-lejl li kien differenti minn xi ljieli ohra fejn ikun hawn cpar f'Malta, Custò wiegeb: *"Le xejn partikolari"* (*a fol.* 203). Da parte tieghu, l-imputat, mistoqsi in ri-ezami dwar il-klima, jghid: *"Naf zgur li kien in-nida ghax x'hin dhalt fil-karozza xghelt il-wiper minhabba n-nida"* (*a fol.* 195). Apparti minn dan:

- fl-okkorrenza (Dok. "BA" – *a fol.* 19 *et seq.*) redatta minn PS 1157 Bertly Aquilina fejn hemm indikat *"Weather Condition"* gie mnizzel *"Clear"* (*a fol.* 24);

- fir-rapport tieghu (*a fol.* 19 *et seq.* tal-Process Verbal), il-Perit Richard Aquilina jghid: *"It-triq kienet xotta u d-dawl tat-triq kienu mixghula"* (*a fol.* 23 tal-Process Verbal).

Illi fir-rapport tieghu, Dr. Mario Buttigieg jghid, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "Waqt li kienu ghaddejjin minn Triq il-Wied, Birkirkara, kemm Gabriella Bartolo u anke Abraham Celik wissew lil Keith Caruana sabiex inaqqas il-velocita'. Hu kien ghaddej b'tant sahha li kif dar mal-liewja li hemm f'din it-triq u cioé hdejn James Falzon Auto Dealer, l-vettura haditu u l-vettura bdiet miexja la gemba. Dan seta' jigi kkonstatat peress li kien hemm sinjali cari ta' *stration marks* u dan jindika li l-istess vettura bdiet mixja la gemba. Illi minn hemm il-vettura habtet b'mod vjolenti gol-bankina. Illi

> sussegwentement l-istess vettura taret minn fejn habtet u dahlet go sigra li hemm imhawla ma' genb it-triq. Illi l-impatt kien fuq in-naha ta' wara naha tal-lemin. L-impatt mas-sigra kien tant b'sahhtu li l-qoxra tal-istess sigra nqalghet. Il-parti tal-qoxra li nqalghet tinsab metru punt hamsa (1.5m) metru gholja mill-art u dan juri li meta l-vettura habtet mas-sigra, l-istess vettura gholliet u daret. L-impatt kien tant qawwi li ghalkemm Celik kien riekeb fuq wara u libes is-*seat belt* bid-daqqa Celik ghola u habat rasu mas-saqaf. L-impatt kien tant qawwi li fir-ritratt numri 21 u 22 tal-istess relazzjoni juri d-demm u bicciet tal-laham li nstabu mwahhla fuq is-saqaf meta habtet ras Celik mieghu. Wara l-habta mas-sigra l-vettura daret darbtejn sakemm strahet ma' genb it-triq fuq in-naha tax-xellug ta' triq, thares l-isfel. Minn aktar ezamijiet li ghamel l-esponent fuq il-vettura rrizulta li l-*gear lever* kien fuq il-*fifth gear*" (*a fol.* 30 tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, liema rapport jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal).

Illi, da parte taghha, meta Gabriella Bartolo xehdet quddiem l-Espert Dr. Mario Buttigieg fl-Inkjesta Magisterjali hija qalet li wara li gibdet l-attenzjoni tal-imputat li kien ghaddej b'velocita' qawwija, meta hija harset lejn l-i*speedometer* tal-vettura rat li l-labra kienet vicin il-mitejn kilometru fis-siegha (200 k.f.s.). Dan qalu wkoll Dr. Mario Buttigieg fir-rapport tieghu hawn fuq imsemmi. Minkejja li ghad-domanda maghmula lill-imputat jekk jidhirlux li *speed* ta' madwar 200 k.f.s. kien ftit wisq ghal liwja, huwa wiegeb: *"Il-karozza ma kinitx tilhaqhom"* (*a fol.* 195), jibqa' l-fatt li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura, kif *del resto* jikkonferma, u mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-incident stradali sehh tenut kont tal-*ispeed* gholi li kien qed isuq bih l-imputat. *Di fatti*, Gabriella Bartolo tispjega bl-aktar mod car li l-imputat beda jsuq u jtella' l-i*speed* u li meta qaltlu li kienet qed tibza', minkejja li l-imputat ipprova jisslowja, spicca skidja, u sehh l-akkadut.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Portelli** nghad is-segwenti:

> "Mhux bizzejjed pero' li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi *speed* qawwi bizzejjed [...] imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-i*speed* u s-sinistru kienx hemm n-*nexus* ta' kawza prossima u mmedjata." [*Vide* **Il-Pulizija vs. Manuel Schembri** per Onor. Imh. W. Harding datata 28 ta' Novembru 1949].

Illi apparti l-fatt li l-vettura misjuqa mill-imputat spiccat tispinnja, dan il-fatt *per se* mehud in konsiderazzjoni ma' dak li nghad hawn fuq jikkorrobora l-fatt li l-imputat kien qed isuq bi *speed* qawwi.

Illi l-Qorti tinnota li ma ghandhiex tikkunsidra l-incident *de quo* bhala wiehed ta' *casus* anzi ma jirrizulta bl-ebda mod li dak li gara sar bla ebda tort tal-imputat. L-incident setgha jigi evitat kieku l-imputat ma kienx qed isuq bil-velocita' eccessiva li kien qed isuq biha liema velocita' nisslet biza', fost l-ohrajn, fil-passiggiera Gabriella Bartolo.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte ta' hadd u minkejja li Gabriella Bartolo tixhed li, meta l-imputat beda jtella' l-i*speed*, Abraham Celik beda jghid: *"Cool, cool"* (*a fol.* 29), l-istess Gabriella Bartolo qalet lill-Espert Dr. Mario Buttigieg fl-Inkjesta Magisterjali li Abraham qal lill-imputat sabiex isuq bil-mod peress li kien ser joqtolhom. Il-Qorti

tinnota wkoll li fil-hin tal-incident Abraham kien marbut bis-*seat belt* tant li apparti li fuq dan il-fatt xehdet, fost l-ohrajn, Gabriella Bartolo, dan jirrizulta wkoll kemm mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri fejn inghad li: *"Il-katavru nstab ghadu marbut bis-seat belt"* (*a fol.* 52 tar-rapport tieghu Dok. "MS 1", liema rapport jinsab *a fol.* 37 tal-Process Verbal) u kif ukoll minn uhud mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport ta' PS 612 Theo Vella, liema rapport jinsab *a fol.* 38 tal-Process Verbal. Il-Qorti tinnota li l-imputat kellu jkun responsabbli u diligenti fis-sewqan tieghu u kien obbligat li jkollu kontroll shih fuq il-vettura, li jirrizulta li ma kellux. Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh minhabba l-i*speed* li kien qed isuq bih l-imputat u tal-fatt li ma kellux kontroll shih tal-vettura kif kien obbligat li jkollu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Involontarjament Ikkaguna l-Mewt ta' Abraham Celik u Involontarjament Ikkaguna Griehi ta' Natura Gravi fuq Gabriella Bartolo)</u>**:
Illi taht din l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Abraham Celik u kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Gabriella Bartolo.

Illi Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …".

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioé:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti,

2. ikkaguna l-mewt,

3. fuq persuna.

Illi, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:

> "Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-*sapienza umana* identifikat mal-*bonus pater familias*, dik il-kondotta cioé fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal Gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu <u>Teoria delle Obbligazione</u> – 1127 pagna 46 jghid:

> *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta' di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: (a) *la volontarietà dell'atto*; (b) *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u (c) *la possibilita' di prevedere*. Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-

att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kinux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li *semmai* tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (*Vide* **Il-Pulizija vs. John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Illi, apparti dak li nghad aktar il-fuq, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta wkoll is-segwenti:

- Gabriella Bartolo li kienet bil-qieghda fuq quddiem bhala passiggier magenb l-imputat spjegat li hekk kif waslu vicin tas-Sliema l-imputat beda jsuq *"excessively"* (*a fol.* 28). Hija qalet li f'hin minnhom l-imputat sahansitra flok dar ma' *roundabout* kif suppost, darha bil-kontra u wara li l-imputat nizel minn Ta' Xbiex u baqghu ghaddejjin mal-*front*, tixhed li: *"f'dik it-triq beda jispidja aktar"* (*a fol.* 29). Tixhed: *"Abraham beda jghidlu: "Cool, cool", hu beda jispidja aktar, jien bdejt nibza' ghidtlu: "Keith, Keith qed nibza', ipprova jisslowja, skidja u daqshekk"* (*a fol.* 29). Tispjega wkoll li qabel Francesca Muscat nizlet mill-vettura lil Abraham qaltlu li kien ikun ahjar jilbes is-*seatbelt* b'konsegwenza ta' liema Abraham libes is-*seatbelt* peress li ratu jaghmel hekk. Fl-Inkjesta Magisterjali, lill-Espert Dr. Mario Buttigieg, Gabriella Bartolo xehdet li l-imputat kien qed isuq b'velocita' qawwija tant li qalet lill-imputat biex inaqqas l-i*speed* peress li kienet qed tibza'. Hija sahansitra qalet li Celik qal lill-imputat biex isuq bil-mod peress li kien ser joqtolhom.

- Shakira Scerri, li giet imwassla tas-Sliema mill-imputat u li kienet bil-qieghda wara l-imputat, tiddeskrivi li kienet rieqda fil-vettura u li qamet b'hasda fil-mument li l-imputat ma darx sew mar-*roundabout* u dar bil-kontra. Tiftakar lil Francesca tghid lil Abraham jilbes is-*seatbelt* u li tghid li rat lil Abraham jaghmel is-*seatbelt*. Lill-espert Dr. Mario Buttigieg, Scerri qaltlu li l-imputat beda jtella' l-*ispeed* hekk kif waslu hdejn ir-*roundabout* li hemm gewwa Qui-Si-Sana tant li Abraham Celik beda jghidlu biex inaqqas ghax ma kienx hemm ghaggla.

- Francesca Muscat, li kienet bil-qieghda wara Gabriella Bartolo, tispjega li l-imputat kien qed isuq b'velocita' qawwija tant li fuq wara kienu qed jispiccaw kwazi fuq xulxin u hi qaltlu kliem biex isuq bil-mod. Tghid li Celik ra li hi kienet libsa s-*seatbelt* u hu libes is-*seatbelt* f'xi mument wara li nizlet Shakira sakemm waslu Ta' Xbiex. Lill-Espert Dr. Mario Buttigieg, Francesca Muscat qaltlu li hi libset is-*seatbelt* ghax bezghet wara li l-imputat beda jtella' l-i*speed* u li minkejja li lill-imputat kienet qaltlu biex inaqqas il-velocita', hu baqa' ghaddej bl-istess velocita'. Lil Dr. Mario Buttigieg, Muscat qaltlu wkoll li qalet lil Celik biex jilbes is-*seatbelt*.

- Meta l-espert Dr. Mario Buttigieg gie mistoqsi dwar l-i*speed* li kien qed isuq bih l-imputat, huwa qal: *"kien ghaddej b'velocita' dan hadtu imma mix-xhieda li tat Gabriella Bartolo li kien ghaddej b'madwar mitejn kilometru fis-siegha"* (*a fol.* 113). Mistoqsi jghid jekk ghamilx xi ezami xjentifiku, wiegeb: *"Le bazikament li kien hemm fuq il-dan kien hemm skid marks li bdew minn naha ta' ahna u gejjin mill-Msida sejrin lejn Birkirkara li bdiet minn hemmhekk l-iskid marks bdew u li baqghu sejrin dritt ghal gos-sigra kien hemm bazikament a semi-circle ta' skid marks fuq il-wicc tat-triq li dawn jindikaw li l-vettura tilfet il-kontroll u hemmhekk it-triq hija dritta li ma kellux bazikament ghalfejn jitlef il-kontroll meta sewwieq ikun qed isuq b'mod normali"* (*a fol.* 114).

- L-imputat jixhed li wara li minn Ta' Xbiex hareg minn fejn il-Mamma Mia: *"jien minn hemmhekk ma niftakar xejn hlief il-hin tal-accident niftakar lil Gabriella tghajjat ismi tliet darbiet"* (*a fol.* 189). Meta kien ghaddej mix-xatt ma jidhirlux li kien qed jaghfas hafna *speed*. Jikkonferma li qata' ir-*roundabout* ta' Qui-Si-Sana u li hu ma darx maghha. Ma jiftakarx li kien ghaddej b'velocita' eccessiva.

In kontro-ezami, jghid li ma jiftakarx li Francesca Muscat qaltlu biex inaqqas l-i*speed*. Ma jiftakarx lanqas li Francesca insistit ma' Abraham Celik sabiex jilbes is-*seatbelt*. Ma jiftakarx li Celik kien qallu xi diskors meta kien bil-qieghda fuq wara. Filwaqt li jikkonferma li tilef il-kontrol tal-vettura, meta gie mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi raguni ghala kellu jitlef il-kontroll tal-vettura jekk mhux ghax kien ghaddej b'wisq velocita', wiegeb: *"Hemm it-tappieri ukoll qabel xorta"* (*a fol.* 195). Jghid li ma hax it-tappieri u

mistoqsi jghid jekk ghandux xi spjegazzjoni kif il-vettura tieghu tilfet il-kontroll taghha u spiccat fejn spiccat, wiegeb fin-negattiv.

Fl-istqarrija (Dok. "KC" – *a fol.* 12 *et seq.*), l-imputat jichad li f'xi hin it-tfajliet qalulu biex inaqqas l-i*speed* peress li kienu mbezza' bis-sewqan tieghu. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li Abraham qallu: *"naqqas ghax ser toqtolna"* (*a fol.* 13), wiegeb fin-negattiv.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew addirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament preseduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, apparti l-fatt li diga' nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza li l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv, jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz. Huwa kien qed isuq b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku.

Illi jirrizulta li Abraham Celik miet in segwitu tal-incident stradali *de quo*. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Dr. Michael Spiteri, mir-rapporti ta' Dr. Mario Scerri u ta' Dr. Ali Sarfraz. Fir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 37 tal-Process Verbal) tieghu li jifforma parti mill-Process Verbal hawn fuq imsemmi, Dr. Mario Scerri jikkonkludi:

"16. Illi l-kawza tal-mewt t'Abraham Celik kienet kagunata minn *blunt trauma* vjolenti rizultat ta' impatt qawwi".

Fir-rapport ta' Dr. Ali Sarfraz fl-istess Process Verbal, Dr. Sarfraz ikkonkluda s-segwenti:

> *"The death of this young male is certified as being due to fractured skull and vertebral column caused by a motor vehicle accident"* (*a fol.* 32 tal-Process Verbal).

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Gabriella Bartolo, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tibda billi taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-Gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-Gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-Gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti fir-rigward tal-griehi sofferti minn Gabriella Bartolo:

- Kemm l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Priscilla Caruana Lee kif ukoll PS 1157 Bertly Aquilina xehdu li Gabriella Bartolo kienet sofriet xi griehi.

- Da parte taghha, Gabriella Bartolo tixhed li b'rizultat tal-incident sofriet griehi u tghid li kellha *torn muscle* peress li l-imputat kisser il-minkeb maghha, u tghid li kellha wkoll tliet (3) *fractures* f'dahrha. Tghid li ma kellhiex bzonn operazzjoni pero' tghid li damet l-isptar madwar jumejn u nofs. Tghid li llum il-gurnata tinsab tajba pero' jugaghha dahra imma tghid: *"xejn gravi"* (*a fol.* 32). Tghid li ghal kundizzjoni ta' dahra ma tiehu l-ebda trattament pero' tixhed li kellha tiehu xi medicina.

- Dr. Mario Scerri, fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 37 tal-Process Verbal), jikkonkludi s-segwenti fir-rigward ta' Gabriella Bartolo:

> "11. Illi l-abrazjoni deskritta fuq il-parti t'isfel taz-zaqq ta' Gabriella Bartolo kienet kompatibbli ma' *seat belt injury*;
>
> 12. Illi d-dbengila deskritta fuq id-driegh tal-lemin ta' Bartolo kienet friska u kompatibbli ma' *blunt trauma*;
>
> 13. Illi l-abrazjoni deskritta fuq ir-rigel tax-xellug ta' Bartolo kienet kagunata minn oggett bil-ponta;
>
> 14. Illi l-fratturi deskritti fil-*lumbar spine* ta' Bartolo kienu rizultat ta' *blunt trauma* u huma lezjonijiet ta' natura gravi *per durata*;
>
> 15. Illi l-kondizzjoni ta' Bartolo baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment din giet licenzjata mill-iSptar Mater Dei" (*a fol.* 53 *et seq.* tar-rapport).

- Dr. Jonathan Joslin spjega li Gabriella Bartolo kellha sintomi ta' *concussion* u *amnesia* mal-impatt. Jghid li kellha ksur f'numru ta' rkiekel u kif ukoll tbengiel fuq in-naha ta' zaqqha fuq quddiem u fuq wara. Huwa ezebixxa r-rapport redatt minnu fil-konfront ta' Gabriella Bartolo liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JJ 1" (*a fol.* 119 *et seq.*). F'dan ir-rapport, Dr. Joslin ikkonkluda s-segwenti:

1. "Illi nhar id-9 ta' Gunju 2013 Gabriella Bartolo soffriet griehi li huma kompatibbli ma' incident tat-traffiku.

2. Illi sentejn ilu, il-griehi kienu kklassifikati ta' **natura gravi *per durata*** u wara l-ezami tal-esponent specjalista llum, jidher li l-ksur ghaqad sew u halla l-ebda restrizjoni fil-moviment tad-dahar.

3. Mill-ezami mediku Gabriella Bartolo jidher li sentejn wara li soffriet griehi f'incident tat-traffiku, illum dawn il-griehi ma hallewx effetti ta' dizabilita' fiziku permanenti u b'hekk ma hemm l-ebda persentagg tad-dizabilita' fiziku sofferta. Dan il-persentagg ta' dizabilita' fizika mhux qieghed jeskludi li l-incident setgha halla effett emozzjonali jew psikologiku fuq Gabriella Bartolo" (*a fol.* 125-126)

Fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Joslin jixhed: *"Li kellha l-injuries kienu marked as grievous per durata li kellha small fractures along the transverse process. Jigifieri dan mhux l-irkiekel ikun ma' kull rukkell jkollok an outgrowth of the bone fejn jehel l-ghadam. Hi li kellha kienu small cracks in these small bones. Jigifieri at the end of the day din hija kwistjoni ta' bed rest u physiotherapy illi hadet fil-fatt after three months kienet tajba bizzejjed biex issiefer bl-ajruplan. Jigifieri it's a question of healing bhal ksur, jigifieri kienu grevious per durata. In danger of loss of life ma niftakarx li kellha but it has to be confirmed mill-original reports"* (*a fol.* 117-118).

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Gabriella Bartolo, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car

mix-xiehda mismugha u mir-rapporti ezebiti, u li gew rapportati hawn fuq, li l-griehi sofferti minn Gabriella Bartolo kienu griehi ta' natura gravi. Filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat jekk l-offiza kkagunata fuq Gabriella Bartolo ggibx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' li huwa zgur huwa li l-offiza in kwistjoni hija wahda ta' natura gravi.

Ghaldaqstant, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

<u>**It-Tieni (2) Imputazzjoni**</u>
<u>**(Hsara Involontarja fuq Proprjeta' Pubblika)**</u>:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna hsara nvolontarja lill-proprjeta' pubblika.

Illi l-Qorti tinnota li ma gie mressaq hadd biex jixhed dwar il-hsara li ssir riferenza ghaliha fit-tieni (2) imputazzjoni u *stante* li t-tieni (2) imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata, l-imputat ser jigi liberat minnha.

<u>**It-Tielet (3) Imputazzjoni**</u>
<u>**(Sewqan b'Manjiera Traskurata, Bla Kont u B'Mod Perikoluz)**</u>**:**
Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fejn gie konkluz li l-incident stradali mertu tal-kawza odjerna sehh minhabba l-i*speed* li kien qed isuq bih l-imputat u tal-fatt li ma kellux kontroll shih tal-vettura kif huwa obbligat li jkollu, il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u, a skans ta' ripetizzjoni, dawn mhux ser jigu riprodotti hawn taht. Bazikament, il-Qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Michael Grech** li ghamlet riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat

x'jikkostitwixxi bhala sewqan traskurat, bla kont u b'mod perikoluz. Wara li saret din ir-riferenza, il-Qorti kkonkludiet li l-imputat kien qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz.

Illi ghaldaqstant isegwi li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan taht l-Influwenza tax-Xorb)</u>:**

Illi jirrizulta li l-imputat u shabu damu Paceville minn xi l-11.00pm sas-2.00am. Jirrizulta wkoll li hadu xi xorb. Da parte taghha, Gabriella Bartolo tghid li mill-Plush, hi u Francesca hadu *pitcher* u mhijiex certa jekk l-imputat hax minnu pero' tghid li meta marru Havana, taf li l-imputat mar mal-bar ma' Abraham pero' ma tafx xorbu. Shakira Scerri tghid li rat lill-imputat jixrob mill-*pitcher* flimkien ma' Gabriella u Francesca. Da parte tieghu, l-imputat ikkonferma li xorob mill-*pitcher* u li mill-Havana xorob ukoll.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Fil-kontro-ezami tieghu, PS 1157 Bertly Aquilina kkonferma li meta wasal fuq il-post tkellem mal-imputat u mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-imputat kien f'sensieh, jghid li l-imputat kien qed jitkellem normali. Jghid li l-imputat kien iffukat u ma laqlaqx. Mistoqsi jghid jekk dehrlux li l-imputat kien taht l-influwenza tax-xorb, wiegeb: *"Fl-ebda hin imma xorta sarlu l-breathalyser test"* (*a fol.* 154).

- Fil-kontro-ezami taghha, Gabriella Bartolo tghid li meta wasal il-hin biex imorru d-dar, l-imputat mar ghall-vettura u tikkonferma li f'dan il-hin kellmet lill-imputat u mistoqsija tghid jekk dehrilhiex li l-imputat kien fis-sakra jew li ma kienx tajjeb biex isuq, wiegbet: *"Le normali"* (*a fol.* 185). Tghid li ratu lucidu u koerenti. Tghid li ma ratux jixxengel u li kieku ma ratux mixi normali ma kinitx titla' mieghu.

- Shakira Scerri in kontro-ezami tghid li meta l-imputat mar biex igib il-vettura halli jmorru lura d-dar f'ghajnejha l-imputat ma kienx fis-sakra. Tghid li lill-imputat ma ratux jixxengel.

- In kontro-ezami, Francesca Muscat tghid li qabel rikbu l-vettura fi triqithom lejn id-dar ma ratx li l-imputat kien fis-sakra. Ghad-domanda jekk l-imputat kienx lucidu, wiegbet: *"Normali"* (*a fol.* 166). Tghid li ma kienx qed jaghmel hmerijiet u li ma tiftakarx li kien qed jixxengel. Ma jidhirlix li xammet riha ta' xorb fuq l-imputat.

- PS 1268 Ivan Caruana jghid li ghamel il-*breathalyser test* gewwa l-Emergenza tal-iSptar Mater Dei fuq il-persuna ta' Keith Caruana u meta dan sar irrizulta 017ug/100mL. Jghid li kien negattiv. Ir-rizultat gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "IC" (*a fol.* 65).

Illi minkejja li llum il-gurnata l-limitu preskritt fir-rigward ta' sewqan ta' vettura privata huwa dak ta' 22 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, dakinhar tal-akkadut il-limitu preskritt kien dak ta' 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs. Mehud in konsiderazzjoni dan il-fattur, inkluz ir-rizultat tal-*breathalyser test* (Dok. "IC" – *a fol.* 65), inkluz dak li nghad hawn fuq u kif ukoll dak li xehed l-imputat u dak li qal il-Konsulent Psikjatra Anthony Dimech, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputat kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb. Ghaldaqstant, jirrizulta li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Sewqan b'Velocita' Eccessiva):**

Illi minkejja li, bhala stat ta' fatt, din l-imputazzjoni hija preskritta peress li hija ta' natura kontravenzjonali kontemplata bir-Regolament 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-preskrizzjoni ta' din l-imputazzjoni hija dik ta' tliet xhur skond l-Artiklu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta[3], il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju li tigi mibghuta mill-Avukat Generali u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Dan l-insenjament ghandu japplika fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni *stante* li ma giex indikat ir-Regolament tal-Legislazzjoni Sussidjarja minn liema temergi din l-imputazzjoni in ezami u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni biss gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom biss.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u l-konsegwenzi gravi tal-incident *de quo* (fejn safa' maqtul persuna innocenti u persuna ohra spiccat issofri minn griehi gravi) u kif ukoll il-fatt li l-fedina penali (*a fol.* 3) tal-imputat hija wahda kompletament nadifa. <u>Il-Qorti setghet tara b'ghajnejha stess ir-rimors fl-imputat ghall-akkadut kemm meta huwa xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll tul id-diversi seduti mizmuma quddiemha, u dana apparti dak li l-imputat wiegeb meta gie mistoqsi x'effett kellu fuqu dan l-incident (*a fol.* 193) u dak li xehed id-Direttur ta' Deloitte certu</u>

[3] L-incident sehh fid-9 ta' Gunju 2013 u c-citazzjoni giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-20 ta' Jannar 2015, aktar minn sena u nofs wara l-incident.

Joseph Craig Schembri li xehed f'dawn il-proceduri. Fl-istess waqt, il-Qorti setghet tinnota wkoll fl-awla lill-genituri tal-vittma Abraham Celik u setghet tinnota wkoll l-ugiegh u s-sofferenza f'ghajnejhom ghat-telfa ta' binhom.

Illi l-Qorti tinnota li Qrati ohra qalu s-segwenti:

- *"… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja"*. [**Il-Pulizija vs. Mark Galea** (Qorti tal-Appell Kriminali – 15 ta' Ottubru 1987)];

- *"Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [Vide **Il-Pulizija vs. Giovanni Conte** deciza 2 ta' Marzu 2000 u **Il-Pulizija vs. Antoine Cassar** kif konfermata fil-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Settembru 2009] fejn uriet il-preokkupazzjoni taghha li paragunati ma' sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti".* [**Il-Pulizija vs. Gordon Micallef** (Qorti tal-Appell Kriminali – 11 ta' Jannar 1994)].

Illi l-Qorti tinnota li f'certi cirkostanzi l-hajja umana giet konsidrata bhala rhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero' li f'kull kaz, fejn hemm mewt involontarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz ivarja minn iehor. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu u kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghall-uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li m'humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha. F'kaz li l-imputat kien aktar responsabbli fis-sewqan tieghu, il-vittma Abraham Celik setgha ma tilifx hajtu u Gabriella Bartolo setghet ma sofrietx griehi gravi.

Illi **Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice, 2006** jaghmel riferenza ghal **R. v. Gray (2005) 149 S.J. 576, CA** fejn inghad is-segwenti:

> *"The Court said that general considerations were, first, that whilst the test of dangerous driving was objective, the requirements that the driving should be far below the standard of the competent and careful driver, and that it would have been obvious to the same careful and competent driver that driving in that way would be dangerous, meant that it would usually be obvious to the offender that the driving was dangerous and he therefore deserved to be punished accordingly; secondly, the fact that Parliament had chosen to provide for a much heavier maximum sentence where death resulted as compared with where death did not result showed that Parliament regarded the consequences as a relevant sentencing consideration; thirdly, whilst Courts should take account of the anguish of the victim's family it had to be remembered that no sentence will reconcile a family to their loss nor cure their anguish; fourthly, it was important for Courts to drive home the message as to the consequences that could result from dangerous driving; drivers must know that if as a result of their dangerous driving a person was killed, no matter what the mitigating circumstances, normally only a custodial sentence would be passed; that was because of the need to deter other drivers and because of the gravity of the offence.*
>
> *In assessing the seriousness of an offence, the Court said that culpability must be the dominant factor."*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef**, fejn il-Qorti, f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kawza odjerna *stante* li giet maqtula persuna b'incident stradali, kienet biddlet piena ta' sentejn prigunerija effettivi ghal dik ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Ellul**, fejn ukoll inqatlet persuna f'incident stradali, il-Qorti msemmija tat piena ta'

sentejn prigunerija li gew sospizi ghal erba' snin. Il-Qorti kif preseduta hija konxja tal-fatt li f'sentenza moghtija minnha stess fl-1 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **The Police vs. Justin West** kienet tat piena ta' prigunerija effettiva lill-imputat West, liema piena giet konfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Ottubru 2016, pero' f'dak il-kaz l-imputat West kien instab hati li kien qed isuq taht l-influwenza ta' xorb, li m'huwiex il-kaz odjern.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Il-hames aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-piena erogata hija manifestament sproporzjonata. Hu argumenta illi sentejn prigunerija ghal-involontarja kien wisq mehud in konsiderazzjoni cirkostanzi ta' dan il-kaz. Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt li piena erogata hija fil-parametri tal-Ligi, il-Qorti m'hijiex avversa ghat-talba ta' l-appellant illi din il-piena tigi b'xi mod varjata. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident. Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu Clifford Micallef kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attribwit lejn l-inesperjenza taz-zghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita' ta' l-appellant. L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundannaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita' jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma

> jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** deciza fit-28 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi apparti l-fatt li l-imputat ghandu jqies lilu nnifsu bhala fortunat li minn dakinhar li sehh l-incident sallum tbiddlet il-ligi u saret aktar favorevoli ghalih[4], il-Qorti tinnota li taqbel mas-sentenzi hawn fuq imsemmija **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** u **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** u b'hekk hija tal-fehma li ghandha tikkunsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva u b'hekk il-Qorti ser taghti piena ta' prigunerija t-terminu ta' liema jkun sospiz bl-intiza cara li l-imputat jifhem li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirripetih. Il-Qorti taghmel taghha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-

[4] Dan qieghed jinghad *stante* li, meta sehh l-incident, Artikolu 225(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jistabbilixxi s-segwenti: *"Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaguna l-mewt ta' izjed minn persuna wahda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaguna ukoll offiza fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni ohra, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija bejn hames sa ghaxar snin"*. Permezz ta' Att Nru. XIV tas-sena 2017, il-piena ma ghandhiex minimu u b'hekk il-kliem *"bejn hames"* gew imhassra mis-sub-Artikolu citat.

kawza deciza minnha fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** fejn inghad is-segwenti:

> "is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, *a let off* jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, *'imqarar u mqarben'*, ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat,

ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 6 ta' Mejju 2016 u senjatament Artikoli 225(1), 225(2) u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat Keith Caruana hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin.

*Ai termini* tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tliet (3) snin li jibdew jghoddu minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Keith Caruana sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' elfejn, hames mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu (€2534.61).[5]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[5] Dr. Jonathan Joslin (Dok. "JJ 1" – *a fol.* 126 *tergo*) (€225.00); Perit Richard Aquilina (*a fol.* 24 tal-Process Verbal) (€308.55); Dr. Ali Sarfraz (*a fol.* 32 *tergo* tal-Process Verbal) (€348.15); Dr. Mario Buttigieg (*a fol.* 34 *tergo* tar-rapport li jinsab *a fol.* 34 tal-Process Verbal) (€705.68); Dr. Mario Scerri (l-ahhar pagna ta' Dok. "MS 1" li jinsab *a fol.* 37 tal-Process Verbal) (€734.31); PS 612 Theo Vella (*a fol.* 41 tal-Process Verbal) (€212.92).